MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 394/2008

**United Acceptances Finance Ltd**

**Vs**

**Jesmond Pulis u Mary Rose Pulis**

Permezz ta’ rikors prezentat fit-18 ta’ April 2008, Jesmond Pulis talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali annessi mal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta’ Marzu 2005. Pulis ibbaza t-talba tieghu minhabba li jsostni li l-pretensjoni tal-intimata hi preskritta ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) u l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

L-intimata wiegbet li n-notifika tal-ittra ufficjali saret bil-procedura tal-affissjoni fit-3 ta’ April 2008. Ghalhekk parti

mill-kreditu m'huwiex preskritt, peress li whud mill-kambjali immaturaw wara t-3 ta' April 2003 (ara kambjli numru 21-36).

Wara li l-qorti rat l-atti, inkluz il-verbal tal-lum, kif ukoll l-atti tal-ittra ufficjali 1210/05, tirrileva li:-

i. L-ittra ufficjali giet prezentata fit-18/3/2005;
ii. Fit-28/3/2005, Mary Rose Pulis kienet notifikata bl-ittra ufficjali;
iii. Fit-3/4/2008, Jesmond Pulis kien notifikat bl-ittra ufficjali;
iv. Il-kambjali huma numerati 3/36 – 36/36 ghas-somma komplessiva ta' **€24,002** u bdew jimmaturaw mid-19/10/2001 sa 19/7/2004. Kull xahar kienet qeghda timmatura kambjala.
v. Mill-kambjali hu evidenti li Pulis obbligaw ruhhom *in solidum*.

Gialadarba l-ittra ufficjali giet notifikata lil Mary Rose Pulis f'Marzu 2005 u l-kambjali bdew jimmaturaw mid-19 ta' Ottubru 2001, ma kienux ghaddew il-5 snin li jissemmew fl-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc. L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kellha effett ukoll fil-konfront tad-debitur l-iehor (Jesmond Pulis) gialadarba obbligaw ruhhom *in solidum* (ara Artikolu 1100 tal-Kodici Civili). Jesmond Pulis, bhala debitur in solidum, ma jistax jipprova jiehu beneficcju mill-fatt li li kien notifikat bl-ittra ufficjali fit-3 ta' April 2008. Inoltre, m'hemmx dubju li l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ma japplikax ghaliex il-preskrizzjoni fuq il-kambjali hi regolata mill-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc.

Minkejja dak li jinghad fit-twegiba tal-kumpannija intimata u dak li nghad mid-difensur taghha fis-seduta tal-lum, il-qorti hi tal-fehma li t-tezi ta' Jesmond Pulis m'ghandix mis-sewwa fir-rigward tal-ebda wahda mill-kambjali.

**Ghalhekk tichad it-talba ta' Jesmond Pulis bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------